BANK ĊENTRALI EWROPEW

# GWIDA GĦALL-KONSULTAZZJONI MAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW MILL-AWTORITAJIET NAZZJONALI

## FIR-RIGWARD TA' ABBOZZI TA' DISPOŻIZZJONIJIET LEĠIŻLATTIVI

MT

BANK ĊENTRALI EWROPEW

# GWIDA GĦALL-KONSULTAZZJONI MAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW MILL-AWTORITAJIET NAZZJONALI

# FIR-RIGWARD TA' ABBOZZI TA' DISPOŻIZZJONIJIET LEĠIŻLATTIVI

**© Il-Bank Ċentrali Ewropew, 2005**

**Indirizz**
Kaiserstrasse 29
60311 Frankfurt am Main
Germany

**Indirizz Postali**
Postfach 16 03 19
60066 Frankfurt am Main
Germany

**Telefon**
+49 69 1344 0

**Website**
http://www.ecb.int

**Faks**
+49 69 1344 6000

**Teleks**
411 144 ecb d

Il-Gwida preżenti tesprimi l-fehmiet tal-BĊE u ma tippreġudikax l-interpretazzjoni tad-Deċiżjoni 98/415/KE mill-istituzzjonijiet tal-Komunita` li huma responsabbli għall-applikazzjoni korretta tal-liġi tal-Komunita`.

Din il-Gwida nkitbet għal skopijiet informattivi. Hija biss il-leġiżlazzjoni ppubblikata fl-edizzjonijiet ipprintjati tal-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea li hija awtentika.

*Id-drittijiet kollha ta' l-awtur huma riżervati. Ir-riproduzzjoni għal skopijiet edukattivi u dawk mhux kummerċjali hija permessa ladaba s-sors huwa ċċitat.*

ISSN 92-9181-685-X (print)
ISSN 92-9181-686-8 (online)

# WERREJ


**KELMTEJN QABEL** 5

**TAQSIRA EŻEKUTTIVA** 6

**I SFOND GĦAR-RWOL KONSULTATTIV TAL-BĊE FIR-RIGWARD TA' ABBOZZI TA' DISPOŻIZZJONIJIET LEĠIŻLATTIVI** 8

**II L-GĦANIJIET TAD-DEĊIŻJONI 98 / 415 / KE** 10

**III L-ISKOP TA' L-OBBLIGU LI L-BĊE IKUN IKKONSULTAT** 12

1 L-awtoritajiet li jikkonsultaw 12

2 L-abbozzi ta' dispożizzjonijiet leġiżlattivi konċernati 13

3 L-oqsma tal-kompetenza tal-BĊE 14

4 Implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni 17

**IV IL-PROĊEDURA TA' KONSULTAZZJONI** 19

1 Konsultazzjoni mal-BĊE fi żmien xieraq 19

2 It-talba għal opinjoni 20

3 Limiti ta' żmien 21

4 Notifika ta' riċevuta 22

5 Adozzjoni ta' l-opinjoni 23

6 Ir-reġim lingwistiku 23

7 Trasmissjoni ta' l-opinjoni u l-eżami tagħha fil-fond 23

8 Pubblikazzjoni 23

**V KONFORMITA` MA' L-OBBLIGU TA' KONSULTAZZJONI** 24

**VI KONSEGWENZI LEGALI MINĦABBA NUQQAS TA' KONSULTAZZJONI** 25

**ANNESSI** 27

1 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tad-29 ta' Ġunju, 1998, dwar il-konsultazzjoni mal-Bank Ċentrali Ewropew minn awtoritajiet nazzjonali dwar abbozzi ta' dispożizzjonijiet leġiżlattivi (98/415/KE) 28

2 Deskrizzjoni qasira ta' kwistjonijiet indirizzati f'abbozzi ta' dispożizzjonijiet leġiżlattivi li dwarhom il-BĊE, u qablu l-EMI, ġew ikkonsultati 30

# KELMTEJN QABEL

Huwa bi pjaċir kbir li nintroduċi din il-pubblikazzjoni: *Gwida għall-konsultazzjoni mal-Bank Ċentrali Ewropew mill-awtoritajiet nazzjonali fir-rigward ta' abbozzi ta' dispożizzjonijiet leġiżlattivi.* Simili għal pubblikazzjonijiet oħra tal-BĊE, din il-gwida tesprimi b'mod ċar l-impenn tal-BĊE lejn il-prinċipji ta' għamil bil-miftuħ u ta' trasparenza, u tikkontribwixxi biex tagħmel l-għanijiet u l-attivitajiet tal-BĊE aktar magħrufa.

It-Trattat tal-KE jeħtieġ li l-iStati Membri jfittxu l-parir tal-BĊE dwar abbozzi ta' dispożizzjonijiet leġiżlattivi li jaqgħu fi ħdan l-oqsma tal-kompetenza tal-BĊE. Wara l-ġrajja importanti u storika tat-tkabbir ta' l-UE, in-numru ta' atturi involuti f'dan il-proċess ta' konsultazzjoni żdiet sostanzjalment. Il-BĊE għalhekk ipprepara din il-Gwida biex jinforma u jipprovdi assistenza lill-awtoritajiet nazzjonali, speċjalment fl-iStati Membri l-ġodda, fir-rigward ta' dan l-obbligu. Għal dan il-għan, il-Gwida tispjega l-għanijiet u l-iskop li wieħed jikkonsulta lill-BĊE u tiċċara l-proċedura li għandha tiġi segwita.

Jiena ċert li din il-Gwida se tqajjem għarfien tad-drittijiet u l-obbligi tal-partijiet kollha konċernati, kif ukoll twassal għal saħansitra ftehim aħjar tar-rwol konsultattiv tal-BĊE. F'dan ir-rigward, il-Gwida hija wkoll maħsuba biex tinkoraġġixxi aktar użu tal-proċedura ta' konsultazzjoni u b'hekk tikkontribwixxi għall-armonizzazzjoni tal-leġiżlazzjoni ta' l-iStati Membri li taqa' fi ħdan l-oqsma tal-kompetenza tal-BĊE.

Finalment, nixtieq nemfażizza l-importanza li tiġi żgurata kooperazzjoni mill-qrib bejn l-awtoritajiet nazzjonali nvoluti fil-proċess leġiżlattiv u s-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali/Ewrosistema. Jiena ninsab kunfidenti li din il-pubblikazzjoni se tinkoraġġixxi din il-kooperazzjoni mill-qrib fl-interess reċiproku tal-partijiet kollha nvoluti.

Frankfurt am Main, Ġunju 2005



Jean-Claude Trichet

# TAQSIRA EŻEKUTTIVA

L-awtoritajiet nazzjonali huma obbligati li jikkonsultaw lill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) dwar abbozzi ta' dispożizzjonijiet leġiżlattivi li jaqgħu fi ħdan l-oqsma tal-kompetenza tal-BĊE. Dan l-obbligu joħroġ mill-Artikolu 105(4) tat-Trattat li jwaqqaf il-Komunita` Ewropea, u ksur ta' dan jista' jwassal għall-proċedimenti ta' ksur quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej.

Ir-rwol konsultattiv tal-BĊE huwa mfassal biex jiżgura li l-awtoritajiet nazzjonali jibbenefikaw mill-kompetenza tal-BĊE, b'hekk: jikkontribwixxi għall-għanijiet ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea (UE); jiżgura li l-leġiżlazzjoni nazzjonali hija kumpatibbli mal-qafas legali tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali (SEBĊ) u konformi mal-politika tal-BĊE; u jippromwovi l-iskambju ta' l-informazzjoni u l-komunikazzjoni bejn il-BĊE u l-pubbliku.

L-obbligu ta' konsultazzjoni japplika għall-iStati Membri kollha ta' l-UE ħlief ir-Renju Unit. Id-dettalji tal-proċedura li tiggverna l-konsultazzjoni mal-BĊE jinsabu fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/415/KE.

Għalkemm huwa sikwit li xi ministru nazzjonali jitlob opinjoni mill-BĊE, firxa wiesgħa ta' awtoritajiet nazzjonali (bħal parlamenti u korpi b'setgħat regolatorji) jistgħu jikkonsultaw lill-BĊE. L-awtorita` li tikkonsulta m'għandhiex bilfors tkun dik li tagħti bidu (jew tadotta) l-leġiżlazzjoni.

L-obbligu ta' konsultazzjoni japplika biss għal dispożizzjonijiet li jkunu se jsiru jorbtu legalment u applikabbli ġeneralment fl-iStat Membru konċernat. Dan l-obbligu mhuwiex limitat għal leġiżlazzjoni li hija maħsuba biex tiġi adottata minn xi parlament, imma bl-istess mod ma hemm l-ebda bżonn li tikkonsulta lill-BĊE dwar leġiżlazzjoni sekondarja li timplimenta leġiżlazzjoni primarja sakemm l-impatt tagħha hu differenti minn din ta' l-aħħar. L-iStati Membri mhux soltu jikkonsultaw lill-BĊE dwar it-traspożizzjoni tad-direttivi tal-Komunita`, għalkemm xi kultant il-BĊE inkoraġġihom biex jagħmlu dan fir-rigward ta' direttivi ta' interess partikolari lis-SEBĊ u li għalihom l-armonizzazzjoni hija importanti b'mod partikolari. Il-BĊE għandu jkun ikkonsultat mill-ġdid f'każ ta' emendi sostantivi fir-rigward ta' abbozzi ta' dispożizzjonijiet leġiżlattivi li dwarhom tkun diġa` intalbet opinjoni tal-BĊE.

Il-kwistjonijiet li jaqgħu fi ħdan l-oqsma tal-kompetenza tal-BĊE jinkludu l-ħidmiet bażiċi tas-SEBĊ skond it-Trattat, partikolarment dawk imniżżla fl-Artikolu 105(2) tat-Trattat. Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/415/KE tinkludi lista mhix eżawrjenti ta' kategoriji ta' kwistjonijiet li dwarhom il-BĊE għandu jkun ikkonsultat.

Il-BĊE għandu jkun ikkonsultat fi stadju xieraq fil-proċess leġiżlattiv, i.e. f'ħin li jagħmilha possibbli biex il-BĊE jadotta l-opinjoni tiegħu fil-lingwi kollha meħtieġa u li jagħmilha possibbli għall-awtorita` li tati bidu għall-abbozz ta' dispożizzjoni leġiżlattiva biex tikkunsidra l-opinjoni tal-BĊE qabel ma tiddeċiedi dwar is-sustanza. L-awtoritajiet nazzjonali jistgħu jistabbilixxu limitu ta' żmien għall-opinjoni tal-BĊE, u l-perjodu

minimu huwa ta’ xahar. Skadenza ta’ anqas minn xahar hija permessa biss f’każijiet ta’ urġenza kbira; f’dawn il-każijiet għandhom ikunu speċifikati r-raġunijiet għall-urġenza.

Il-proċess għall-adozzjoni tad-dispożizzjoni leġiżlattiva jiġi sospiż matul il-perjodu ta’ konsultazzjoni, għalkemm ċerti passi fil-proċess leġiżlattiv nazzjonali xorta jistgħu jittieħdu. Wara l-iskadenza ta’ kull limitu ta’ żmien din is-sospensjoni tispiċċa, imma l-awtoritajiet rilevanti għandhom xorta jikkunsidraw l-opinjoni tal-BĊE, bil-kundizzjoni li huma jirċevuha qabel ma d-dispożizzjoni leġiżlattiva tiġi adottata finalment. Fil-każijiet kollha, l-awtorita` li tagħti bidu għandha tiġbed l-attenzjoni ta’ l-awtorita` li tadotta dwar l-opinjoni tal-BĊE, jekk din hija entita` differenti.

L-opinjonijiet tal-BĊE dwar abbozzi ta’ dispożizzjonijiet leġiżlattivi huma ġeneralment ippubblikati fuq il-*website* tal-BĊE minnufih wara l-adozzjoni tagħhom u t-trasmissjoni lill-awtorita` li tikkonsulta (sakemm ikun hemm raġunijiet speċifiċi għal dewmien, f’liema każ l-opinjoni tiġi ppubblikata mhux aktar tard minn sitt xhur wara l-adozzjoni).

# I SFOND GĦAR-RWOL KONSULTATTIV TAL-BĊE FIR-RIGWARD TA' ABBOZZ TA' LEĠIŻLAZZJONI

It-Trattat li jwaqqaf il-Komunita` Ewropea (it-'Trattat') jagħti lill-BĊE funzjoni konsultattiva fir-rigward ta' l-atti proposti tal-Komunita` u abbozzi ta' dispożizzjonijiet leġiżlattivi nazzjonali li jaqgħu fi ħdan l-oqsma tal-kompetenza tiegħu. L-Artikolu 105(4) tat-Trattat, li huwa riprodott fl-Artikolu 4 ta' l-iStatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew (l-'iStatut'), huwa l-bażi tal-funzjoni konsultattiva tal-BĊE. Il-qafas għall-konsultazzjoni mal-BĊE mill-awtoritajiet nazzjonali huwa stabbilit fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/415/KE tad-29 ta' Ġunju, 1998, dwar il-konsultazzjoni mal-Bank Ċentrali Ewropew minn awtoritajiet nazzjonali dwar abbozzi ta' dispożizzjonijiet leġiżlattivi[1] ('Id-Deċiżjoni 98/415/KE'), li ilha applikabbli mill-1 ta' Jannar, 1999. Tapplika għall-iStati Membri kollha ħlief ir-Renju Unit, li huwa eżentat mill-obbligu li jikkonsulta lill-BĊE bis-saħħa tal-Protokoll dwar ċerti dispożizzjonijiet rigward ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, mehmuż mat-Trattat. Sa mit-twaqqif tiegħu, il-BĊE ħareġ 173 opinjonijiet bi tweġiba għal konsultazzjonijiet minn awtoritajiet nazzjonali (ara Grafika 1).

**Kaxxa I**

**L-Artikolu 105(4) tat-Trattat:**

*Il-BĊE għandu jkun ikkonsultat:*

– *dwar kull att tal-Komunita` propost fl-oqsma tal-kompetenza tiegħu;*
– *minn awtoritajiet nazzjonali fir-rigward ta' abbozzi ta' dispożizzjonijiet leġiżlattivi fl-oqsma tal-kompetenza tiegħu, imma fi ħdan il-limiti u skond il-kundizzjonijiet stabbiliti mill-Kunsill skond il-proċedura msemmija fl-Artiklu 107(6).*

*Il-BĊE jista' jagħti opinjonijiet lill-istituzzjonijiet jew il-korpi rilevanti tal-Komunita`, jew lill-awtoritajiet nazzjonali dwar kwistjonijiet fl-oqsma tal-kompetenza tiegħu.*

**L-Artikolu 4 ta' l-iStatut:**

*Skond l-Artikolu 105(4)ta' dan it-Trattat:*

*(a) il-BĊE għandu jkun ikkonsultat:*

– *dwar kull att tal-Komunita` propost fl-oqsma tal-kompetenza tiegħu;*
– *minn awtoritajiet nazzjonali fir-rigward ta' abbozzi ta' dispożizzjonijiet leġiżlattivi fl-oqsma tal-kompetenza tiegħu, imma fi ħdan il-limiti u skond il-kundizzjonijiet stabbiliti mill-Kunsill skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 42;*

*(b) il-BĊE jista' jippreżenta opinjonijiet lill-istituzzjonijiet jew il-korpi rilevanti tal-Komunita`, jew lill-awtoritajiet nazzjonali dwar kwistjonijiet fl-oqsma tal-kompetenza tiegħu.*

1 ĠU L 189, 3.7.1998, pġ. 42. It-est tad-Deċiżjoni 98/415/KE huwa riprodott fl-Anness 1.

**Grafika 1 Numru ta' opinjonijiet tal-BĊE bi tweġiba għal konsultazzjonijiet minn awtoritajiet nazzjonali**




Qabel it-twaqqif tal-BĊE, l-Istitut Monetarju Ewropew (EMI) ukoll kellu rwol konsultattiv[2]. Ċerti suġġetti xorta għadhom ta' interess konsiderevoli għall-iStati Membri l-ġodda ta' l-UE, per eżempju l-opinjonijiet ta' l-EMI dwar l-integrazzjoni tal-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) fis-SEBĊ, u l-introduzzjoni tal-euro bħala l-valuta f'ħafna mill-iStati Membri, suġġetti li huma wkoll ta' interess konsiderevoli għall-iStati Membri kollha. L-EMI adotta 68 opinjonijiet bi tweġiba għal konsultazzjonijiet minn awtoritaijiet nazzjonali dwar varjeta` wiesgħa ta' abbozzi ta' dispożizzjonijiet leġiżlattivi li jaqgħu fi ħdan l-oqsma tal-kompetenza tiegħu.

Id-Deċiżjoni 98/415/KE hija abbozzata f'termini ġenerali għal kollox, u sabiex jiġi żgurat li hija effettiva għal kollox, il-leġiżlaturi nazzjonali għandhom jifhmu sew: (a) l-għanijiet tagħha; (b) l-iskop ta' l-obbligu ta' konsultazzjoni; (ċ) il-proċedura li għandha tiġi segwita; u (d) l-effett li nuqqas ta' konsultazzjoni jista' jkollu fuq il-legalita` tal-leġiżlazzjoni rilevanti. Din il-gwida għalhekk għandha bħala skop tinforma l-awtoritajiet nazzjonali kollha nvoluti fil-preparazzjoni tad-dispożizzjonijiet leġiżlattivi nazzjonali b'dawn l-erba' aspetti, biex b'hekk ikunu konxji għal kollox tad-drittijiet u l-obbligi tagħhom. Din il-gwida tinkludi wkoll numru ta' rakkomandazzjonijiet biex jiżguraw l-effiċjenza tal-proċedura ta' konsultazzjoni.

2 Ara l-Artikolu 117(6) u (8) tat-Trattat u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 93/717/KE tat-22 ta' Novembru, 1993, dwar il-konsultazzjoni ta' l-Istitut Monetarju Ewropew mill-awtoritajiet ta' l-iStati Membri dwar abbozzi ta' dispożizzjonijiet leġiżlattivi (ĠU L 332, 31.12.1993, pġ. 14).

# II L-GĦANIJIET TAD-DEĊIŻJONI 98/415/KE

Fis-sentenza *OLAF*[3], il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej (il-'Qorti') iċċarat l-għanijiet ta' l-Artiklu 105(4) tat-Trattat fir-rigward ta' l-obbligu li l-BĊE ikun ikkonsultat dwar kull att tal-Komunita` propost fi ħdan l-oqsma tal-kompetenza tiegħu. Skond il-Qorti, dan l-obbligu huwa maħsub 'essenzjalment biex jiżgura li l-leġiżlatura tadotta l-att biss meta dan l-organu jkun instema', li bis-saħħa tal-funzjonijiet speċifiċi li huwa jeżerċita` fil-qafas tal-Komunita` fil-qasam konċernat, u bis-saħħa tal-livell għoli ta' kompetenza li hu jgawdi, il-BĊE huwa f'pożizzjoni, b'mod partikolari tajba ħafna, biex iwettaq rwol utli fil-proċess leġiżlattiv ippjanat.'

Minkejja li s-sentenza *OLAF* għandha x'taqsam ma' l-obbligu ta' l-istituzzjonijiet tal-Komunita` biex jikkonsultaw lill-BĊE dwar atti tal-Komunita` proposti, hija tgħin ukoll tiċċara l-obbligu ta' l-iStati Membri biex jikkonsultaw dwar abbozzi ta' dispożizzjonijiet leġiżlattivi nazzjonali. Mis-sentenza *OLAF* wieħed jista' jikkonkludi li l-għan prinċipali tad-Deċiżjoni 98/415/KE huwa li tagħmilha possibbli biex il-BĊE jipprovdi lil-leġiżlaturi nazzjonali, fi żmien xieraq, parir ta' espert dwar abbozzi ta' dispożizzjonijiet leġiżlattivi fir-rigward ta' kwistjonijiet fi ħdan l-oqsma tal-kompetenza tal-BĊE. Dan il-parir huwa maħsub biex jiżgura li l-qafas legali nazzjonali: (a) jikkontribwixxi biex l-għanijiet tas-SEBĊ jintlaħqu, kif stabbilit fl-Artikolu 105(1) tat-Trattat; (b) huwa kumpatibbli mal-qafas legali tas-SEBĊ; u (c) huwa konformi mal-politika tas-SEBĊ. L-obbligu ta' konsultazzjoni skond id-Deċiżjoni 98/415/KE huwa mfassal biex jopera bħala sistema preventiva biex jindika minn qabel problemi b'leġiżlazzjoni nazzjonali potenzjalment inkumpatibbli jew inkonsistenti. Il-konsultazzjoni għandha għalhekk isseħħ meta d-dispożizzjoni leġiżlattiva tkun għadha fi stadju t'abbozz u b'mod partikolari aktar fi stadju fejn l-opinjoni tal-BĊE tista' tiġi kkunsidrata b'mod utli mill-awtoritajiet nazzjonali nvoluti fil-preparazzjoni u l-adozzjoni tal-leġiżlazzjoni konċernata.

F'dan ir-rigward, l-obbligu ta' konsultazzjoni fil-prattika jagħmilha possibbli biex Stati Membri jiżguraw li l-leġiżlazzjoni nazzjonali, inklużi l-istatuti tal-BĊNi, jibqgħu kumpatibbli mat-Trattat u l-iStatut, skond l-Artikolu 109 tat-Trattat.

Il-proċedura ta' konsultazzjoni stabbilita bid-Deċiżjoni 98/415/KE għandha numru ta' vantaġġi oħra. Hija siewja bħala vettura għall-iskambju ta' l-informazzjoni u l-kompetenza. Il-konsultazzjonijiet huma mezz importanti kif il-BĊE jinżamm infurmat dwar żviluppi leġiżlattivi fl-iStati Membri fi ħdan l-oqsma tal-kompetenza tal-BĊE. Il-kompetenza li l-BĊE jikseb billi jeżamina abbozzi ta' dispożizzjonijiet leġiżlattivi li dwarhom jiġi kkonsultat hija ta' valur għat-tfassil tal-pożizzjoni tal-BĊE innifsu, per eżempju f'fora tal-Komunita` jew internazzjonali fejn kwistjonijiet simili huma diskussi. Barra minn

3 Każ Ċ-11/00 *Commission of the European Communities v European Central Bank* [2003] ECR I-7147, b'mod partikolari l-paragrafi 110 u 111 tas-sentenza. F'dak il-każ il-Qorti sostniet l-azzjoni tal-Kummissjoni w annullat id-Deċiżjoni BĊE/1999/5 tas-7 t'Ottubru, 1999, dwar il-prevenzjoni tal-frodi. Is-sentenza hija sinifikanti għall-kjarifika tagħha tar-rwol konsultattiv tal-BĊE billi l-Qorti, bi tweġiba għal talba mill-BĊE, eżaminat l-għanijiet ta' l-Artikolu 105(4) tat-Trattat għall-ewwel darba.

dan, l-opinjonijiet tal-BĊE jinkoraġġixxu armonizzazzjoni tal-leġiżlazzjoni ta' l-iStati Membri fi ħdan l-oqsma tal-kompetenza tal-BĊE u jikkontribwixxu biex itejbu l-kwalita` tal-leġiżlazzjoni nazzjonali, billi huma bbażati fuq il-kompetenza li l-BĊE ikun akkwista fit-twettiq tal-ħidmiet tiegħu[4]. L-opinjonijiet tal-BĊE jistgħu jikkostitwixxu wkoll sorż li l-Qorti (f'proċedimenti dwar il-kumpattibilita` tat-Trattat mad-dispożizzjonijiet leġiżlattivi konċernati) jew il-qrati nazzjonali (f'proċedimenti dwar l-interpretazzjoni jew il-validita` tad-dispożizzjonijiet leġiżlattivi konċernati) jistgħu jikkunsidraw.

Bħall-opinjonijiet ta' istituzzjonijiet oħra tal-Komunita`, l-opinjonijiet tal-BĊE m'għandhom l-ebda rabta legali. Fi kliem ieħor, il-leġiżlaturi nazzjonali m'għandhomx għalfejn isegwu l-opinjoni tal-BĊE. Madankollu, is-sistema stabbilita bid-Deċiżjoni 98/415/KE hija mfassla biex tiżgura li l-leġiżlazzjoni nazzjonali hija adottata biss wara kunsiderazzjoni xierqa ta' l-opinjoni tal-BĊE. Din is-sistema ppruvat li hi effettiva u leġiżlaturi nazzjonali ġeneralment qablu biex jemendaw jew saħansitra jneħħu dispożizzjonijiet leġiżlattivi ppjanati, aktar milli adottaw leġiżlazzjoni li toħloq kunflitti mal-pożizzjoni tal-BĊE.

Finalment, l-obbligu ta' konsultazzjoni jikkontribwixxi għall-kommunikazzjoni esterna tal-BĊE mal-pubbliku ġenerali u s-swieq. Hija l-politika ġenerali tal-BĊE li jinkoraġġixxi t-trasparenza u, għal dan il-għan, l-opinjonijiet bi tweġiba għal konsultazzjonijiet minn awtoritajiet nazzjonali huma, bħala regola, ippubblikati fuq il-*website* tal-BĊE minnufih wara l-adozzjoni tagħhom u t-trasmissjoni sussegwenti lill-awtorita` konsultattiva.

4 Ara l-paragrafu 140 ta' l-Opinjoni ta' l-Avukat Ġenerali fil-Każ Ċ-11/00, li kien approvat fil-paragrafu 110 tas-sentenza tal-Qorti.

# III L-ISKOP TA' L-OBBLIGU LI L-BĊE IKUN IKKONSULTAT

**Kaxxa 2**

**L-Artikolu 2(1) u (2) tad-Deċiżjoni 98/415/KE:**

*1. L-awtoritajiet ta' l-iStati Membri għandhom jikkonsultaw mal-BĊE dwar kull abbozz ta' dispożizzjoni leġiżlattiva fi ħdan l-oqsma tal-kompetenza tiegħu skond it-Trattat u b'mod partikolari dwar:*
- *kwistjonijiet ta' valuta,*
- *mezzi ta' pagament,*
- *banek ċentrali nazzjonali,*
- *il-ġbir, il-kumpilazzjoni u d-distribuzzjoni ta' statistika monetarja, finanzjarja u bankarja, statistika dwar sistemi ta' pagament u tal-bilanċ tal-pagamenti,*
- *sistemi ta' pagament u ftehim,*
- *regoli li japplikaw għal istituzzjonijiet finanzjarji kemm –il darba dawn jinfluwenzaw materjalment l-istabbilta` ta' l-istituzzjonijiet finanzjarji u s-swieq.*

*2. Barra minn dan, l-awtoritajiet ta' l-iStati Membri minbarra Stati Membri parteċipanti għandhom jikkonsultaw mal-BĊE dwar kull abbozz ta' dispożizzjoni leġiżlattiva fir-rigward ta' l-istrumenti tal-politika monetarja.*

## I L-AWTORITAJIET LI JIKKONSULTAW

### I.I IL-FIRXA T'AWTORITAJIET KONĊERNATI

L-Artikolu 2(1) tad-Deċiżjoni 98/415/KE jagħmel ċar li l-obbligu li l-BĊE ikun ikkonsultat dwar dispożizzjonijiet leġiżlattivi fi ħdan l-oqsma tal-kompetenza tiegħu huwa d-dmir ta' 'l- awtoritajiet ta' l-iStati Membri'. Billi d-Deċiżjoni 98/415/KE tapplika għall-iStati Membri kollha ħlief ir-Renju Unit, l-awtoritajiet konċernati mhumiex biss dawk ta' l-iStati Membri li adottaw il-euro ('l-iStati Membri parteċipanti') imma wkoll dawk ta' l-iStati Membri li għadhom s'issa m'adottawx il-euro ('l-iStati Membri mhux parteċipanti'), minbarra l-awtoritajiet tar-Renju Unit.

L-Artikolu 3(1) tad-Deċiżjoni 98/415/KE jiċċara li l-awtoritajiet ta' l-iStati Membri huma 'l-awtoritajiet li jkunu qed jippreparaw xi abbozz ta' dispożizzjoni leġiżlattiva'. Barra minn dan, mill-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni 98/415/KE jirriżulta li l-awtorita` li tikkonsulta tista' tkun differenti mhux biss mill-'awtorita` li tadotta imma wkoll mill-'awtorita` li tagħti bidu għall-abbozz ta' dispożizzjoni leġiżlattiva'.

Fil-prattika, il-BĊE kien ikkonsultat minn varjeta` wiesgħa t'awtoritajiet. Fil-każ ta' leġiżlazzjoni li tgħaddi mill-parlament nazzjonali, il-BĊE ġeneralment kien ikkonsultat mill-membru rilevanti tal-gvern nazzjonali, is-soltu jkun il-ministru tal-finanzi jew il-ministru tal-ġustizzja. Kultant il-konsultazzjonijiet ġew trasmessi permezz tal-BĊNi bħala intermedjarji. Fil-każ ta' tipi oħra ta' leġiżlazzjoni, il-BĊE ġeneralment

kien ikkonsultat mill-awtorita` kompetenti biex tadotta l-att konċernat, per eżempju l-membru rilevanti tal-gvern nazzjonali jew xi BĊN li jkollu setgħat regolatorji. Finalment, il-BĊE kien ukoll ikkonsultat minn awtoritajiet nazzjonali (BĊNi, awtoritajiet superviżorji jew korpi speċifiċi bħal, per eżempju, bord nazzjonali għas-sostituzzjoni għall-euro) li ma kellhom l-ebda setgħa formali biex jibdew jew jadottaw l-abbozz tad-dispożizzjoni leġiżlattiva konċernata, imma li kienu nvoluti *de jure* jew *de facto* fil-proċess ta' adozzjoni. F'dawn il-każijiet, il-BĊE kien tal-fehma li l-konsultazzjoni hija valida jekk ikun fid-dieher li l-awtoritajiet konċernati qed jaġixxu f'isem l-awtorita` li tagħti bidu jew li tadotta.

## 1.2 IR-RWOL TAL-PARLAMENTI NAZZJONALI

Il-parlamenti nazzjonali huma awtoritajiet '[li] jippreparaw … dispożizzjoni[jiet] leġiżlattiva/i' għall-iskopijiet tad-Deċiżjoni 98/415/KE fil-każijiet fejn huma jiddiskutu abbozzi ta' dispożizzjonijiet leġiżlattivi fi ħdan l-oqsma tal-kompetenza tal-BĊE, li jkunu ġew proposti minn wieħed jew aktar mill-membri tagħhom[5]. Il-parlamenti nazzjonali jkollhom jiddeċiedu abbażi tar-regoli tal-proċedura tagħhom stess kif jippreżentaw, għal opinjoni tal-BĊE minn qabel, abbozzi ta' dispożizzjonijiet leġiżlattivi li jkunu ġew proposti minn wieħed jew aktar mill-membri tagħhom u li jaqgħu fi ħdan l-oqsma tal-kompetenza tal-BĊE. F'każ wieħed, il-BĊE kien ikkonsultat minn gvern nazzjonali, li kien qed jaġixxi fuq l-inizzjattiva tiegħu stess, dwar abbozz ta' dispożizzjoni leġiżlattiva li kien propost mill-membri ta' parlament nazzjonali skond il-liġi nazzjonali.

# 2 L-ABBOZZI TA' DISPOŻIZZJONIJIET LEĠIŻLATTIVI KONĊERNATI

**Kaxxa 3**

**L-Artikolu 1(1) tad-Deċiżjoni 98/415/KE:**

*Għall-iskop ta' din id-Deċiżjoni:*

…

*'abbozzi ta' dispożizzjonijiet leġiżlattivi' għandha tfisser kull waħda minn dawk id-dispożizzjonijiet li, meta jibdew jorbtu legalment u japplikaw b'mod ġenerali fit-territorju ta' xi Stat Membru, jistabbilixxu regoli għal numru indefinit ta' każijiet u jkunu ndirizzati lil numru indefinit ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi.*

Skond l-Artiklu 2(1) tad-Deċiżjoni 98/415/KE, l-awtoritajiet ta' l-iStati Membri huma obbligati biex jikkonsultaw lill-BĊE dwar 'kull abbozz ta' dispożizzjoni leġiżlattiva' fl-oqsma tal-kompetenza tal-BĊE. L-Artiklu 1(1) tad-Deċiżjoni 98/415/KE jiddefinixxi l-kunċett ta' 'abbozzi ta' dispożizzjonijiet leġiżlattivi'. Din id-definizzjoni tirreferi għal

5 Dan japplika wkoll għal każijiet fejn membri tal-parlament jipproponu emendi għal abbozzi ta' dispożizzjonijiet leġiżlattivi proposti mill-gvern li għandhom l-effett potenzjali li jressqu l-abbozz ta' leġiżlazzjoni fi ħdan l-oqsma tal-kompetenza tal-BĊE.

dispożizzjonijiet li ladarba jsiru jorbtu legalment u ta' applikabbilta` ġenerali fl-iStat Membru konċernat kollu (jew f' territorju ġeografikament distint), jistabbilixxu regoli li jkunu applikabbli f' 'numru indefinit ta' każijiet u jkunu indirizzati lil numru indefinit' ta' persuni. Id-definizzjoni ma tinkludix abbozzi ta' dispożizzjonijiet leġiżlattivi li l-iskop esklussiv tagħhom huwa t-traspożizzjoni tad-direttivi tal-Komunita` f'liġi nazzjonali (ara sezzjoni III(4)).

L-obbligu ta' konsultazzjoni mhuwiex limitat għal abbozzi ta' dispożizzjonijiet leġiżlattivi li huma maħsuba biex jiġu adottati minn xi parlament. Id-Deċiżjoni 98/415/KE tkopri kull tip ta' dispożizzjonijiet li jorbtu legalment, inkluża leġiżlazzjoni sekondarja, kif ukoll atti li jorbtu legalment ta' applikabbilta` ġenerali ta' BĊNi jew ta' awtoritajiet superviżorji (meta dawn l-entitajiet ikollhom setgħat regolatorji). Madankollu, dan ma jfissirx li l-BĊE għandu jkun ikkonsultat dwar kull leġiżlazzjoni sekondarja li timplimenta leġiżlazzjoni primarja li taqa' fi ħdan l-oqsma tal-kompetenza tal-BĊE. Meta wieħed jikkunsidra l-għanijiet tad-Deċiżjoni 98/415/KE, huwa ċar li għandha biss titfittex opinjoni mill-BĊE dwar dawk l-abbozzi ta' leġiżlazzjoni sekondarja jekk is-suġġett huwa relatat mill-qrib mal-ħidmiet tal-BĊE, u jekk l-impatt fuq ċerti aspetti fi ħdan l-oqsma tal-kompetenza tal-BĊE huwa differenti minn dak li jirriżulta mil-leġiżlazzjoni primarja nnifisha. Eżempji ta' kwistjonijiet li dwarhom l-iStati Membri, bħala regola, mhumiex obbligati li jikkonsultaw lill-BĊE huma kwistjonijiet marbuta ma' xi proċedura jew sanzjonijiet.

L-obbligu li l-BĊE ikun ikkonsultat dwar emendi ta' abbozzi ta' dispożizzjonijiet leġiżlattivi li jkunu diġa` ntbagħtu lill-BĊE għal xi opinjoni, japplika għal emendi sostantivi li jaffettwaw l-essenza ta' l-abbozz ta' leġiżlazzjoni. Huwa bżonnjuż li ssir distinzjoni bejn żewġ xenarji differenti. L-ewwel xenarju huwa fejn emendi sostantivi huma proposti fi stadju fejn il-BĊE ma jkunx għadu adotta l-opinjoni tiegħu. F'sitwazzjonijiet bħal dawn il-BĊE jistenna li l-awtorita` li tikkonsulta tippreżentalu l-abbozz emendat tad-dispożizzjoni leġiżlattiva kemm jista' jkun malajr, sabiex l-opinjoni tkun tista' tiġi bbażata fuq it-test l-aktar riċenti. It-tieni sitwazzjoni hija fejn dispożizzjonijiet sostantivi ġodda huma proposti wara l-adozzjoni ta' l-opinjoni tal-BĊE. Fis-sitwazzjoni ta' l-aħħar, il-BĊE għandu jkun ikkonsultat fir-rigward ta' dawk l-emendi. Madankollu, l-ebda konsultazzjoni oħra ma hija meħtieġa jekk l-emendi għandhom bħala skop essenzjali li jakkomodaw il-fehma mfissra mill-BĊE fl-opinjoni tiegħu. Il-BĊE madankollu jilqa' bil-qalb li jinżamm infurmat bit-tweġiba għall-opinjonijiet tiegħu u li jirċievi dettalji ta' dawk l-emendi għal skopijiet ta' informazzjoni.

## 3 L-OQSMA TAL-KOMPETENZA TAL-BĊE

L-Artikolu 2(1) tad-Deċiżjoni 98/415/KE jeħtieġ li l-awtoritajiet nazzjonali jikkonsultaw lill-BĊE dwar kull abbozz ta' dispożizzjoni leġiżlattiva 'fi ħdan l-oqsma tal-kompetenza tiegħu skond it-Trattat'. Dan jinkludi abbozzi ta' dispożizzjonijiet leġiżlattivi li jaffettwaw il-ħidmiet bażiċi li għandhom jitwqettqu permezz tas-SEBĊ skond l-Artikolu 105(2) tat-Trattat (i.e. id-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-politika monetarja tal-Komunita`, it-twettiq ta' tranżazzjonijiet tal-kambju fi flus barranin, il-*holding* u l-maniġment tar-riżervi uffiċjali barranin ta' l-iStati Membri u l-promozzjoni ta' l-operat bla xkiel

tas-sistemi ta' ħlas). Jinkludi wkoll abbozzi ta' dispożizzjonijiet leġiżlattivi li jaffettwaw varjeta` ta' ħidmiet oħra attribwiti lis-SEBĊ skond it-Trattat.

L-Artikolu 2(1) tad-Deċiżjoni 98/415/KE iniżżel numru ta' kategoriji ta' kwistjonijiet li huma kkunsidrati b'mod ċar li jaqgħu fi ħdan l-oqsma tal-kompetenza tal-BĊE. Il-BĊE għandu jkun ikkonsultat mill-awtoritajiet nazzjonali dwar abbozzi ta' dispożizzjonijiet leġiżlattivi dwar il-kwistjonijiet li ġejjin, jiġifieri: il-kwistjonijiet ta' valuta; il-mezzi ta' ħlas; il-BĊNi; il-ġbir, il-kumpilazzjoni u d-distribuzzjoni ta' statistika monetarja, finanzjarja, bankarja, statistika dwar sistemi ta' ħlas u tal-bilanċ tal-pagamenti; is-sistemi ta' ħlas u ftehim; u r-regoli applikabbli għal istituzzjonijiet finanzjarji kemm–il darba dawn jinfluwenzaw materjalment l-istabbilta` ta' l-istituzzjonijiet finanzjarji u s-swieq. Id-Deċiżjoni 98/415/KE tagħmilha ċara li l-lista ta' kwistjonijiet fl-Artikolu 2(1) mhijiex eżawrjenti.

Barra min dan, l-Artikolu 2(2) tad-Deċiżjoni 98/415/KE igħid li l-awtoritajiet ta' l-iStati Membri mhux parteċipanti (minbarra r-Renju Unit) għandhom jikkonsultaw lill-BĊE dwar kull abbozz ta' dispożizzjonijiet leġiżlattivi li jittratta l-istrumenti tal-politika monetarja. Ir-raġuni għaliex id-Deċiżjoni 98/415/KE tiddistingwixxi b'dan il-mod bejn l-iStati Membri parteċipanti u dawk mhux parteċipanti hija li l-istrumenti tal-politika monetarja (per eżempju, is-sistema tar-riżervi minimi) mhumiex deċiżi aktar mill-awtoritajiet nazzjonali fl-iStati Membri parteċipanti. Madankollu, *recital* 5 tad-Deċiżjoni 98/415/KE jiċċara li l-obbligu ta' konsultazzjoni ma jinkludix id-deċiżjonijiet li jieħdu l-awtoritajiet ta' l-iStati Membri mhux parteċipanti fil-kuntest ta' l-implimentazzjoni tal-politika monetarja tagħhom (per eżempju, id-deċiżjonijiet li jistabbilixxu r-rati ta' l-imgħax).

L-Anness 2 jagħti ħarsa mhix eżawrjenti ta' kwistjonijiet indirizzati fl-abbozz ta' dispożizzjonijiet nazzjonali li dwarhom il-BĊE, u qablu l-EMI, ġew ikkonsultati. Huwa ttamat li din id-deskrizzjoni qasira se tipprovdi gwida utli f'każijiet ta' dubju dwar jekk abbozz ta' dispożizzjoni nazzjonali jaqax fi ħdan l-iskop ta' l-obbligu ta' konsultazzjoni stabbilit fid-Deċiżjoni 98/415/KE.

## 3.1 KWISTJONIJIET TA' VALUTA U MEZZI TA' ĦLAS

Opinjonijiet tal-BĊE/EMI f'din il-kategorija ta' kwistjonijiet inkludew abbozzi ta' dispożizzjonijiet leġiżlattivi li jittrattaw varjeta` ta' suġġetti. Xi eżempji magħrufa huma: il-miżuri dwar l-introduzzjoni tal-euro (ridenominazzjoni tal-valuta nazzjonali, ridenominazzjoni ta' dejn pubbliku u privat, prezz doppju, regoli ta' tqarrib, sostituzzjoni ta' rati nazzjonali ta' referenza, etċ.), il-valuta legali, il-ħruġ ta' muniti kommemorattivi li jsarrfu f'valuta legali, id-drittijiet ta' l-awtur fir-rigward ta' karti tal-flus u muniti, l-iffalsifikar, ir-riċiklaċċ ta' karti tal-flus u muniti, u l-ħruġ ta' flus elettroniċi.

## 3.2 BANEK ĊENTRALI NAZZJONALI

Numru kbir ta' opinjonijiet tal-BĊE/EMI jaqgħu fi ħdan din il-kategorija. Dawn jinteressaw dispożizzjonijiet leġiżlattivi li jaffettwaw l-istatus tal-BĊNi jew il-membri tal-bord

tagħhom, partikolarment l-indipendenza tagħhom. Bosta opinjonijiet huma ta' interess ukoll għall-ħidmiet u l-politika monetarja tal-BĊNi, inklużi r-rispett tal-projbizzjoni ta' finanzjament monetarju msemmi fl-Artikolu 101 tat-Trattat, ir-riżervi barranin tal-BĊNi u l-obbligi tar-riżervi minimi tal-BĊNi ta' l-iStati Membri mhux parteċipanti. Il-BĊE/EMI ġew mitluba ta' sikwit biex jagħtu opinjonijiet dwar abbozzi ta' dispożizzjonijiet leġiżlattivi li jkopru ħidmiet tal-BĊNi mhux relatati mas-SEBĊ, partikolarment bil-għan li jevalwaw jekk dawn il-ħidmiet humiex kumpatibbli ma' l-għanijiet u l-ħidmiet tas-SEBĊ[6].

## 3.3 IL-ĠBIR, IL-KUMPILAZZJONI U D-DISTRIBUZZJONI TA' STATISTIKA MONETARJA, FINANZJARJA, BANKARJA, STATISTIKA DWAR SISTEMI TA' ĦLAS U TAL-BILANĊ TAL-PAGAMENTI

Is-setgħat tal-BĊE fir-rigward tal-ġbir ta' l-informazzjoni statistika huma stabbiliti fl-Artiklu 5 ta' l-iStatut. L-Artiklu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2533/98 tat-23 ta' Novembru, 1998, dwar il-ġbir ta' l-informazzjoni statistika mill-Bank Ċentrali Ewropew[7] jeħtieġ li l-iStati Membri kollha 'jorganizzaw rwieħhom fil-qasam ta' l-istatistika u … jikkooperaw bis-sħiħ mas-SEBĊ sabiex jiżguraw is-sodisfazzjon ta' l-obbligi li joħorġu mill-Artiklu 5 ta' l-iStatut'. Il-BĊE huwa konxju li d-dispożizzjonijiet tar-rappurtar ivarjaw bejn l-iStati Membri. Bħala riżultat, meta l-BĊE huwa kkonsultat dwar abbozzi ta' dispożizzjonijiet nazzjonali ta' rappurtar, għandu t-tendenza jagħmel kummenti li huma ta' natura ġenerali u li huma maħsuba li jiġbdu l-attenzjoni lejn aspetti li jistgħu jitfissru b'mod aktar ċar fl-abbozz tad-dispożizzjoni leġiżlattiva.

## 3.4 SISTEMI TA' ĦLAS U FTEHIM

Il-konsultazzjonijiet li saru fil-passat fi ħdan din il-kategorija interessaw abbozzi ta' dispożizzjonijiet leġiżlattivi dwar bosta aspetti tal-funzjonament tas-sistemi ta' ħlas u ftehim, bħas-superviżjoni tagħhom, in-*net* jew *real time gross settlement basis*, in-*netting* u l-aspetti tal-garanziji u r-regola taz-*zero-hour*.

## 3.5 REGOLI APPLIKABBLI GĦALL-ISTITUZZJONIJIET FINANZJARJI KEMM–IL DARBA DAWN JINFLUWENZAW MATERJALMENT L-ISTABBILTA` TA' L-ISTITUZZJONIJIET FINANZJARJI U S-SWIEQ

*Recital* 3 tad-Deċiżjoni 98/415/KE jagħmilha ċara li din il-kategorija hija 'mingħajr ħsara għat-tqassim preżenti tal-kompetenzi għall-politika dwar is-superviżjoni prudenti ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu u l-istabbilta` tas-sistema finanzjarja'. Din il-kategorija għandha wkoll tiġi kkunsidrata flimkien ma' l-Artiklu 25.1 ta' l-iStatut, li jipprovdi li l-awtoritajiet kompetenti ta' l-iStati Membri 'jistgħu' jikkonsultaw lill-BĊE dwar 'l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Komunita` dwar is-superviżjoni prudenti ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu u l-istabbilta` tas-sistema finanzjarja.' Madankollu, bis-saħħa

6 Skond l-Artikolu 14.4 ta' l-iStatut, huwa permess li l-BĊNi jwettqu funzjonijiet oħra minbarra dawk speċifikati fl-iStatut, sakemm il-Kunsill Governattiv isib li dawn ifixklu l-għanijiet u l-ħidmiet tas-SEBĊ.

7 ĠU L 318, 27.11.1998, pġ. 8.

ta’ l-Artiklu 2(1) tad-Deċiżjoni 98/415/KE, l-iStati Membri ‘għandhom’ jikkonsultaw lill-BĊE meta d-dispożizzjonijiet leġiżlattivi proposti ‘jinfluwenzaw materjalment’ l-istabbilta` finanzjarja, sakemm, kif imsemmi fl-Artiklu 1(2), id-dispożizzjonijiet huma maħsuba esklussivament biex jimplimentaw direttivi tal-Komunita`.

Skond l-aħħar subinċiż ta’ l-Artikolu 2(1) tad-Deċiżjoni 98/415/KE, il-BĊE adotta bosta opinjonijiet bi tweġiba għall-konsultazzjonijiet dwar emendi proposti għall-qafas superviżorju istituzzjonali fl-iStati Membri. Kien ukoll ikkonsultat regolarment dwar emendi prinċipali tar-reġim superviżorju għall-istituzzjonijiet ta’ kreditu u dawk finanzjarji, kif ukoll dwar regoli biex jikkumbattu l-ħasil tal-flus. Il-BĊE kien ikkonsultat ta’ sikwit dwar abbozzi ta’ leġiżlazzjoni bil-potenzjal ta’ impatt importanti fuq is-swieq, per eżempju leġiżlazzjoni dwar ir-reġimi tal-proċessi tal-ħruġ ta’ l-ishma u d-dimaterjalizzazzjoni tat-titoli, kif ukoll il-leġiżlazzjoni li taffettwa kemm is-swieq finanzjarji u l-għan primarju tal-BĊE ta’ l-istabbilta` tal-prezzijiet (per eżempju, id-dispożizzjonijiet dwar self indiċizzat ma’ l-inflazzjoni (*inflation-indexed loans*)).

Finalment, il-BĊE ġie kkonsultat dwar bosta abbozzi ta’ dispożizzjonijiet leġiżlattivi bil-potenzjal li jaffettwaw iċ-ċaqliq ħieles tal-kapital, il-politika tar-rata tal-kambju (per eżempju, ‘it-taxxa Tobin’ proposta) u abbozzi oħra ta’ dispożizzjonijiet leġiżlattivi ta’ importanza ekonomika.

## 4 IMPLIMENTAZZJONI TAL-LEĠIŻLAZZJONI

**Kaxxa 4**

**L-Artikolu 1(2) tad-Deċiżjoni 98/415/KE:**

*Abbozzi ta’ dispożizzjonijiet leġiżlattivi m’għandhomx jinkludu abbozzi ta’ dispożizzjonijiet li l-għan waħdieni tagħhom huwa li d-direttivi tal-Komunita` jkunu trasposti fil-liġi ta’ l-iStati Membri.*

Kif imsemmi hawn fuq, skond l-Artikolu 1(2) tad-Deċiżjoni 98/415/KE, l-iStati Membri m’għandhomx għalxiex jikkonsultaw lill-BĊE dwar it-traspożizzjoni tad-direttivi tal-Komunita` f’liġi nazzjonali. Ir-raġuni fundamentali għal din l-eżenzjoni hija li l-BĊE ikun, skond l-Artikolu 105(4) tat-Trattat, diġa` ġie kkonsultat dwar l-att tal-Komunita` propost u għalhekk mhuwiex meħtieġ li r-rwol konsultattiv tal-BĊE jiġi estiż għal abbozzi ta’ dispożizzjonijiet nazzjonali li jimplimentaw sempliċiment dak l-att tal-Komunita`. Bl-istess mod il-BĊE huwa ta’ l-opinjoni, li l-abbozzi ta’ dispożizzjonijiet leġiżlattivi nazzjonali li għandhom bħala skop l-implimentazzjoni tar-regolamenti tal-Komunita`, jibbenefikaw ukoll minn din l-eżenzjoni, bil-kundizzjoni li dawn id-dispożizzjonijiet m’għandhomx impatt fuq kwistjonijiet li jaqgħu fi ħdan l-oqsma tal-kompetenza tal-BĊE, liema impatt huwa differenti mill-impatt tar-regolament innifsu (li dwaru l-BĊE ikun ġie kkonsultat mill-istituzzjonijiet tal-Komunita`).

Il-BĊE, f’numru verament limitat ta’ okkażjonijiet, inkoraġġixxa lill-awtoritajiet nazzjonali biex jikkonsultawh dwar abbozzi ta’ dispożizzjonijiet leġiżlattivi li

jimplimetaw direttivi tal-Komunita` ta' interess partikolari għas-SEBĊ. Dan per eżempju sar fil-każ tad-Direttiva dwar il-Finalita` tal-Ħlas[8] u d-Direttiva dwar il-Garanziji[9]. L-opinjonijiet tal-BĊE li jirriżultaw min-numru kbir ta' konsultazzjonijiet dwar l-abbozzi ta' dispożizzjonijiet li għandhom bħala skop it-traspożizzjoni tad-direttivi f'liġi nazzjonali, kienu kontribuzzjonijiet utli biex jissaħħaħ il-qafas legali għall-operat ta' l-Ewrosistema, kif ukoll l-istabbilta` tas-sistema finanzjarja.

L-iStati Membri xi kultant jikkonsultaw lill-BĊE minn jeddhom dwar abbozz ta' dispożizzjonijiet li għandhom bħala skop it-traspożizzjoni tad-direttivi, minkejja li mhumiex obbligati jew inkoraġġiti biex jagħmlu dan, per eżempju fl-oqsma fejn jikkunsidraw li l-BĊE għandu kompetenza speċifika. F'dawn il-każijiet, il-BĊE huwa ġeneralment kuntent biex jagħti opinjoni jekk l-abbozzi tad-dispożizzjonijiet leġiżlattivi eżaminati jistħoqqilhom kummenti speċifiċi fir-rigward tal-ħidmiet u l-politika tas-SEBĊ/BĊE.

---

8 Id-Direttiva 98/26/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju, 1998, dwar il-finalita` tal-ħlas f'sistemi ta' ħlas u ta' ftehim dwar it-titoli, ĠU L 166, 11.6.1998, pġ. 45.

9 Id-Direttiva 2002/47/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ġunju, 2002, dwar kuntratti ta' garanziji finanzjarji, ĠU L 168, 27.6.2002, pġ. 43.

# IV IL-PROĊEDURA TA' KONSULTAZZJONI

**Kaxxa 5**

**L-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni 98/415/KE:**

*Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jiżgura li din id-Deċiżjoni titħares sewwa. Għal dan il-għan, huwa għandu jiżgura li l-BĊE huwa kkonsultat fi stadju xieraq sabiex l-awtorita` li tkun għamlet abbozz ta' dispożizzjoni leġiżlattiva tkun tista' tqis l-opinjoni tal-BĊE qabel ma tieħu deċiżjoni fil-mertu, u li l-opinjoni tal-BĊE ssir taf biha l-awtorita` li jkollha tapprova d-dispożizzjoni jekk din ta' l-aħħar ma tkunx l-istess awtorita` li tkun ħejjiet dik id-dispożizzjoni.*

## 1 KONSULTAZZJONI MAL-BĊE FI ŻMIEN XIERAQ

It-tieni sentenza ta' l-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni 98/415/KE jgħid li l-BĊE għandu jkun ikkonsultat 'fi stadju xieraq' fil-proċess leġiżlattiv. Dan jimplika li l-konsultazzjoni għandha sseħħ fi stadju fil-proċess leġiżlattiv li jagħti lill-BĊE żmien biżżejjed biex jeżamina l-abbozz tad-dispożizzjonijiet leġiżlattivi (u fejn meħtieġ jittraduċihom) u jadotta l-opinjoni tiegħu fil-lingwi kollha meħtieġa, u li jagħmilha possibbli għall-awtoritajiet nazzjonali rilevanti biex jikkunsidraw l-opinjoni tal-BĊE qabel ma d-dispożizzjonijiet huma adottati. Meta l-abbozzi ta' dispożizzjonijiet leġiżlattivi huma ppreparati minn awtorita` oħra minbarra dik li tadottahom, l-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni 98/415/KE jidher li jindika li l-konsultazzjoni dwar dawk id-dispożizzjonijiet għandha sseħħ fi żmien li jagħmilha possibbli għall-awtorita` li tkun tat bidu għall-abbozz tad-dispożizzjonijiet leġiżlattivi, biex tikkunsidra jekk dawn għandhomx jiġu emendati sabiex jakkommodaw l-opinjoni tal-BĊE, i.e. qabel it-trasmissjoni tad-dispożizzjonijiet lill-awtorita` li tadotta. L-orarju għandu wkoll jinkludi perjodu raġonevoli ta' żmien għall-BĊE biex jeżamina l-inkartament tal-konsultazzjoni u jagħti l-opinjoni tiegħu. Huwa nnutat li l-Artiklu 4 ma jidhirx li jżomm lill-awtoritajiet nazzjonali milli jieħdu passi skond il-proċeduri leġiżlattivi tagħhom, li ma jaffettwawx is-sustanza ta' l-abbozzi tad-dispożizzjonijiet leġiżlattivi.

Mill-għażla ta' kliem ta' l-Artiklu 3(4) tad-Deċiżjoni 98/415/KE isegwi li l-iStati Membri huma obbligati biex jissospendu l-proċess ta' adozzjoni ta' l-abbozz tad-dispożizzjoni leġiżlattiva sa ma tintbagħat l-opinjoni tal-BĊE. Dan ma jfissirx li l-proċess leġiżlattiv sħiħ nazzjonali (per eżempju, xogħol preparatorju ta' kumitati permanenti parlamentarji, diskussjoni ta' opinjonijiet oħra mibgħuta minn awtoritajiet nazzjonali, etċ.) għandu jkun sospiż sa ma tingħata l-opinjoni tal-BĊE. Imma aktar ifisser li l-awtorita` li tadotta għandu jkollha l-opportunita` b'mod sinifikattiv biex tiddiskuti l-opinjoni tal-BĊE qabel ma tieħu d-deċiżjoni tagħha dwar is-sustanza. Jekk ikun ġie stabbilit xi limitu ta' żmien għall-preżentazzjoni ta' l-opinjoni tal-BĊE (ara sezzjoni IV(3)) u dan il-limitu ta' żmien ikun skada, l-awtorita` nazzjonali konċernata tista' tibda mill-ġdid il-proċess ta' l-adozzjoni. Imma anke f'każ bħal dan, u sakemm il-leġiżlazzjoni ma tkunx għadha ġiet adottata, l-awtoritajiet nazzjonali jibqgħu obbligati li jikkunsidraw l-opinjoni tal-BĊE.

**Grafika 2 Skeda**




## 2 IT-TALBA GĦAL OPINJONI

Talba għal opinjoni għandha tiġi indirizzata bil-miktub lill-President tal-BĊE. Il-mument li fih il-President tal-BĊE jirċievi t-talba għal opinjoni jimmarka l-bidu tal-proċedura għall-adozzjoni ta' opinjoni tal-BĊE. It-talba għandha tinkludi kopja ta' l-abbozz tad-dispożizzjonijiet leġiżlattivi. Il-BĊE jirrikkmanda li l-awtorita` li tikkonsulta tinkludi

**Grafika 3 Obbligi ta' Dokumentazzjoni**

Id-dokumenti kollha jistgħu jintbagħtu fil-lingwa uffiċjali ta' l-iStat Membru konċernat (jew f'waħda mil-lingwi uffiċjali jekk hemm aktar minn waħda).

| Meħtieġ: | Irrikkmandat: | Mhux obbligatorju: |
| --- | --- | --- |
| – **Talba bil-miktub għal opinjoni** lill-President tal-BĊE.<br><br>– Kopja ta' l-**abbozz tad-dispożizzjonijiet leġiżlattivi.** | – **Memorandum spjegattiv** fil-qasir li jsemmi:<br>  – is-suġġett u l-għanijiet prinċipali tal-leġiżlazzjoni;<br>  – l-istadju tal-proċess leġiżlattiv nazzjonali; u<br>  – id-dettalji ta' intermedjarju.<br>– Jekk l-abbozz ta' leġiżlazzjoni nazzjonali huwa twil/ikkumplikat, tingħata indikazzjoni ta' l-**abbozz tad-dispożizzjonijiet leġiżlattivi** li dwarhom il-kummenti tal-BĊE huma l-aktar mixtieqa.<br>– Jekk issir talba minħabba urġenza kbira, ikun mixtieq li tintbagħat **traduzzjoni bl-Ingliż** tal-memorandum spjegattiv u tad-dispożizzjonijiet leġiżlattivi prinċipali mibgħuta għall-konsultazzjoni. | – Indikazzjoni ta' **limitu ta' żmien** għall-BĊE biex fih jagħti l-opinjoni tiegħu. |

wkoll memorandum spjegattiv qasir li jiddeskrivi dawn li ġejjin: is-suġġett u l-għanijiet prinċipali segwiti; l-istadju li hi tkun laħqet fil-proċess leġiżlattiv nazzjonali; u l-isem u d-dettalji ta' intermedjarju. Fil-każ ta' abbozz ta' leġiżlazzjoni li jinkludi numru kbir ta' dispożizzjonijiet li jindirizzaw varjeta` ta' kwistjonijiet, il-BĊE jirrikkmanda wkoll li l-awtorita` li tikkonsulta tindika dawk id-dispożizzjonijiet li dwarhom tixtieq l-aktar il-kummenti tiegħu. L-awtorita` li tikkonsulta tista' wkoll tindika limitu ta' żmien għall-BĊE biex fih jagħti l-opinjoni tiegħu (ara sezzjoni IV(3)).

It-talba għal opinjoni u d-dokumenti li jintbagħtu flimkien jistgħu jintbagħtu fil-lingwa uffiċjali ta' l-iStat Membru konċernat (jew f'waħda mil-lingwi uffiċjali ta' l-iStati Membri jekk hemm aktar minn waħda). F'każijiet fejn it-talba ssir minħabba urġenza kbira (ara sezzjoni IV(3)), il-BĊE japprezza jirċievi wkoll traduzzjoni bl-Ingliż tal-memorandum spjegattiv u ta' l-abbozz tad-dispożizzjonijiet prinċipali mibgħut għall-konsultazzjoni. Dan jagħmilha possibbli biex il-BĊE jibda jaħdem fuq l-opinjoni minnufih mingħajr ma jkollu jistenna għat-traduzzjonijiet. Madankollu, it-talba għal opinjoni tal-BĊE m'għandhiex tiddewwem bin-nuqqas ta' dik it-traduzzjoni.

## 3 LIMITI TA' ŻMIEN

**Kaxxa 6**

**L-Artiklu 3 tad-Deċiżjoni 98/415/KE:**

1. *L-awtoritajiet ta' l-iStati Membri li jkunu qed iħejju dispożizzjoni leġiżlattiva jistgħu jagħtu, jekk iqisu li jkun meħtieġ, limitu ta' żmien lill-BĊE biex jibgħat l-opinjoni tiegħu fi żmien li ma jkunx anqas minn xahar mid-data li fiha l-President tal-BĊE jirċievi notifika dwar dan.*

2. *F'każ ta' urġenza kbira, il-limitu ta' żmien jista' jitqassar. F'dan il-każ, l-awtorita` li tikkonsulta għandha tagħti r-raġunijiet għall-urġenza.*

3. *Il-BĊE jista', meta jkun il-waqt, jitlob li l-limitu taż-żmien jitwal sa erba' ġimgħat addizzjonali. Dik it-talba m'għandhiex tinċaħad mingħajr raġuni mill-awtorita` li tikkonsulta.*

4. *Jekk ma l-iskadenza tal-limitu taż-żmien ma tkunx ingħatat opinjoni, l-awtorita` nazzjonali li tikkonsulta m'għandhiex tinżamm milli tkompli tagixxi. Iżda jekk l-opinjoni tal-BĊE tintbagħat wara l-limitu ta' żmien, l-iStati Membri għandhom madankollu jiżguraw li l-awtoritajiet imsemmija fl-Artikolu 4 jsiru jafu biha.*

L-esperjenza wriet li l-perjodu standard għal adozzjoni ta' opinjoni tal-BĊE hija sitt ġimgħat, minkejja li l-proċess jista' jieħu aktar żmien. Il-perjodu li fil-fatt huwa meħtieġ għall-adozzjoni ta' opinjoni speċifika naturalment se jvarja skond in-natura, il-kumplessita` u s-sensittivita` ta' l-abozz tad-dispożizzjonijiet leġiżlattivi konċernat.

Skond l-Artiklu 3(1) tad-Deċiżjoni 98/415/KE, l-awtoritajiet ta' l-iStati Membri li jkunu qed jippreparaw dispożizzjoni leġiżlattiva jistgħu, jekk jikkunsidraw li jkun meħtieġ,

jistabbilixxu limitu ta' żmien biex fih il-BĊE jibgħat l-opinjoni. Madankollu, dan il-limitu ta' żmien ma jistax ikun anqas minn xahar mid-data tar-riċevuta tan-notifikazzjoni.

L-esperjenza wriet li l-iStati Membri xi kultant jinterpretaw dan il-limitu ta' żmien ta' xahar bħala r-regola aktar milli l-perjodu minimu. Meta wieħed jikkunsidra l-ħin meħtieġ għall-preparazzjoni u l-adozzjoni ta' l-opinjonijiet tal-BĊE, fil-prattika limitu ta' żmien ta' xahar ipprova li hu qasir wisq. Il-perjodu minimu għandu għalhekk ikun ristrett għal każijiet fejn ikun hemm bżonn urġenti għall-BĊE biex jadotta l-opinjoni tiegħu fi żmien xahar.

Skond l-Artikolu 3(2) tad-Deċiżjoni 98/415/KE, f'każijiet ta' urġenza kbira l-limitu ta' żmien jista' jitqassar. F'dawn il-każijiet eċċezzjonali ħafna, l-awtorita` li tikkonsulta għandha ssemmi b'mod ċar ir-raġunijiet għall-urġenza tal-kwistjoni. Barra minn dan, kif indikat hawn fuq, il-BĊE japprezza f'każijiet bħal dawn jirċievi wkoll traduzzjoni bl-Ingliż tal-memorandum spjegattiv u ta' l-abbozz tad-dispożizzjonijiet prinċipali mibgħuta għall-konsultazzjoni. Madankollu, it-talba għal opinjoni tal-BĊE m'għandhiex tiddewwem bin-nuqqas ta' dik it-traduzzjoni.

Skond l-Artiklu 3(3) tad-Deċiżjoni 98/415/KE, fejn ikun ġie stabbilit limitu ta' żmien mill-awtorita` li tikkonsulta, il-BĊE jista' jitlob fil-ħin li dan il-limitu ta' żmien jiġi estiż imma għal mhux aktar minn erba' ġimgħat addizzjonali. L-Artikolu 3(3) jgħid li din it-talba m'għandhiex tinċaħad mingħajr raġuni mill-awtorita` li tikkonsulta.

L-Artiklu 3(4) tad-Deċiżjoni 98/415/KE igħid illi 'jekk ma l-iskadenza tal-limitu taż-żmien ma tkunx ingħatat opinjoni, l-awtorita` nazzjonali li tikkonsulta m'għandhiex tinżamm milli tkompli taġixxi.' Dan ifisser li ladarba l-limitu ta' żmien jiskadi, l-awtoritajiet rilevanti jistgħu jkomplu bil-proċedura għall-adozzjoni ta' l-abbozz tal-leġiżlazzjoni, li tkun ġiet sospiża sa ma ssir il-konsultazzjoni mal-BĊE. Madankollu, sakemm il-leġiżlazzjoni ma tkunx għadha ġiet adottata finalment, l-awtorita` li tikkonsulta tibqa' obbligata biex tikkunsidra l-opinjoni tal-BĊE (u tgħarraf lill-awtorita` li tadotta dwarha, jekk din ta' l-aħħar hija entita` differenti).

## 4 NOTIFIKA TA' RIĊEVUTA

Malli l-BĊE jirċievi t-talba għal opinjoni, tintbagħat notifika ta' riċevuta lill-awtorita` li tikkonsulta fl-istess lingwa tat-talba għall-konsultazzjoni. F'każijiet fejn l-iStat Membru jikkonsulta lill-BĊE mingħajr ma jkun obbligat b'mod ċar li jagħmel dan, dan ikun imsemmi fin-notifika flimkien ma' indikazzjoni jekk il-BĊE madankollu għandux kummenti speċifiċi x'jagħmel, f'liema każ il-kummenti jingħataw permezz ta' opinjoni.

Id-dokumenti li jintbagħtu flimkien u t-traduzzjoni bl-Ingliż jintbagħtu lill-membri tal-Kunsill Governattiv u tal-Kunsill Ġenerali tal-BĊE. Dan jagħmilha possibbli għalihom biex jiffamiljarizzaw rwieħhom ma' l-inkartament tal-konsultazzjoni mill-bidu u jkunu f'pożizzjoni biex jikkumentaw minnufih meta l-abbozz ta' l-opinjoni jintbagħtilhom għall-kummenti.

## 5 ADOZZJONI TA' L-OPINJONI

Wara li jkun approvat mill-Bord Eżekuttiv, l-abbozz ta' l-opinjoni jintbagħat lill-Kunsill Governattiv għall-adozzjoni. Opinjoni hija strument legali tal-BĊE u hija, bħala regola, adottata mill-Kunsill Governattiv.

Il-membri tal-Kunsill Ġenerali huma nvoluti wkoll fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet. Filwaqt li l-Kunsill Governattiv huwa l-korp li jieħu d-deċiżjonijiet responsabbli għall-adozzjoni ta' l-opinjonijiet tal-BĊE, il-Kunsill Ġenerali jikkontribwixxi għall-ħidmiet konsultattivi tal-BĊE.

## 6 IR-REĠIM LINGWISTIKU

Opinjonijiet mitluba minn awtorita` nazzjonali huma adottati fil-lingwa uffiċjali ta' l-iStat Membru rispettiv (jew fl-istess lingwa tat-talba tal-konsultazzjoni jekk hemm aktar minn lingwa uffiċjali waħda) u bl-Ingliż.

## 7 TRASMISSJONI TA' L-OPINJONI U L-EŻAMI TAGĦHA FIL-FOND

Wara l-adozzjoni, l-opinjoni hija trasmessa lill-awtorita` li tikkonsulta b'ittra mill-President tal-BĊE jew il-Viċi-President fil-lingwa uffiċjali ta' l-iStat Membru rispettiv (jew bl-istess lingwa tat-talba għall-konsultazzjoni jekk hemm aktar minn lingwa uffiċjali waħda).

L-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni 98/415/KE jgħid li l-awtorita` li tagħti bidu għandha tikkunsidra l-opinjoni tal-BĊE qabel ma tieħu d-deċiżjoni tagħha dwar is-sustanza. Għandha wkoll tgħarraf lill-awtorita` li tadotta dwarha jekk din ta' l-aħħar hija awtorita` differenti minn dik li tkun ippreparat id-dispożizzjonijiet leġiżlattivi.

Wara t-tlestija tal-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet, il-BĊE japprezza jirċievi kopja tad-dispożizzjonijiet leġiżlattivi, kif adottati finalment.

## 8 PUBBLIKAZZJONI

Il-Kunsill Governattiv estenda pass pass il-politika tiegħu ta' trasparenza fir-rigward tal-konsultazzjonijiet nazzjonali. Fil-bidu, il-BĊE ma kienx jippubblika l-opinjonijiet li kien joħroġ fi ħdan il-qafas tad-Deċiżjoni 98/415/KE. Fil-paragrafu finali ta' kull opinjoni l-BĊE kien jispeċifika li ma kellu l-ebda oġġezzjoni li l-opinjoni ssir pubblika mill-awtorita` nazzjonali li tikkonsulta, imma ħalla dan fid-diskrezzjoni ta' l-awtorita` imsemmija. Bejn Settembru 2002 u Jannar 2005, opinjonijiet maħruġa fi ħdan il-qafas tad-Deċiżjoni 98/415/KE ġew ippubblikati sitt xhur wara l-adozzjoni tagħhom, ħlief għal opinjonijiet ta' importanza ta' politika, li ġew ippubblikati minnufih fuq il-*website* tal-BĊE. Minn Jannar 2005, l-opinjonijiet kollha tal-BĊE ġew ippubblikati fuq il-*website* tal-BĊE minnufih wara li ġew trasmessi lill-awtorita` konsultattiva, sakemm ikun hemm raġunijiet speċifiċi biex il-pubblikazzjoni tagħhom tinżamm immedjatament. Jekk ikun hemm dawn ir-raġunijiet speċifiċi, l-opinjoni hija ppubblikata mhux aktar tard minn sitt xhur wara l-adozzjoni tagħha.

# V KONFORMITA` MA' L-OBBLIGU TA' KONSULTAZZJONI

Biex jiżgura li l-obbligu li l-BĊE ikun ikkonsultat jitħares, l-Artiklu 4 tad-Deċiżjoni 98/415 jeżiġi biex l-iStati Membri jieħdu l-miżuri meħtieġa 'sabiex jiżgura li din id-Deċiżjoni titħares sewwa.' Is-SEBĊ tosserva mill-qrib żviluppi leġiżlattivi domestiċi dwar abbozzi ta' leġiżlazzjoni nazzjonali li għandhom x'jaqsmu mal-qasam tal-kompetenza tal-BĊE u l-BĊNi u l-BĊE jirrapportaw internament dwar il-konformita` ma' l-obbligu li l-BĊE ikun ikkonsultat dwar abbozzi ta' dispożizzjonijiet leġiżlattivi minn awtoritajiet nazzjonali fl-oqsma tal-kompetenza tal-BĊE.

## VI KONSEGWENZI LEGALI MINĦABBA NUQQAS TA' KONSULTAZZJONI

In-nuqqas li tikkonsulta lill-BĊE dwar xi abbozz ta' dispożizzjoni leġiżlattiva nazzjonali fi ħdan l-oqsma tal-kompetenza tiegħu huwa ksur tad-Deċiżjoni 98/415/KE u jista' jwassal għal proċedimenti ta' ksur quddiem il-Qorti. Dawn il-proċedimenti jitressqu mill-Kummissjoni Ewropea kontra l-iStat Membru konċernat skond l-Artikolu 226 tat-Trattat[10]. L-obbligu ta' konsultazzjoni skond id-Deċiżjoni 98/415/KE huwa wkoll preċiż u bla ebda kundizzjoni, li jfisser li individwi jistgħu joqogħdu fuqha quddiem il-qrati nazzjonali. Sa fejn il-BĊE huwa konxju, sa issa l-qrati nazzjonali ma ġewx mitluba biex jiddeċiedu dwar il-validita` jew l-infurzar ta' dispożizzjoni nazzjonali adottata mingħajr il-konsultazzjoni mal-BĊE, u l-ebda talba għal deċiżjoni preliminari f'dan ir-rigward ma ġiet sa issa indirizzata lill-Qorti. Madankollu, il-Qorti ntalbet ripetutament biex tiddeċiedi dwar l-infurzar ta' dispożizzjoni nazzjonali adottata mingħajr in-notifikazzjoni minn qabel lill-Kummissjoni Ewropea, kif mitlub minn atti tal-Komunita` speċifiċi[11].

F'dawn il-każijiet il-Qorti sostniet li dispożizzjoni nazzjonali adottata bi ksur ta' obbligu proċedurali sostanzjali mhijiex infurzabbli kontra individwi. Hija wkoll każistika tal-Qorti stabbilita sew li r-rimedji kollha disponibbli normalment fil-liġi nazzjonali għandhom ikunu miftuħa għal litiganti li jfittxu li jinfurzaw talbiet skond il-liġi tal-Komunita`[12]. F'dawk l-iStati Membri fejn l-individwi għandhom id-dritt li jibdew proċedimenti sabiex jannullaw dispożizzjoni leġiżlattiva nazzjonali abbażi ta' difett proċedurali serju, l-individwi għandhom ikollhom ukoll id-dritt li jfittxu li jannullaw dispożizzjonijiet leġiżlattivi nazzjonali adottati bi ksur ta' obbligu proċedurali essenzjali tal-liġi tal-Komunita`, bħal ma hi l-konsultazzjoni minn qabel mal-BĊE. L-iStati Membri għandhom ikunu konxji tar-riskju li l-każistika tal-Qorti tista' twassal, biex individwi jibdew proċedimenti quddiem qorti nazzjonali, bil-għan li jakkwistaw ordni tal-qorti li taffettwa l-validita` jew l-infurzar ta' dispożizzjoni leġiżlattiva nazzjonali adottata bi ksur ta' l-obbligu tal-konsultazzjoni skond id-Deċiżjoni 98/415/KE.

---

10 Jekk xi BĊN ddotat b'setgħat regolatorji jonqos li jikkonsulta skond id-Deċiżjoni 98/415/KE, il-BĊE innifsu jista' jibda proċedimenti ta' ksur skond l-Artiklu 237(d) tat-Trattat u l-Artiklu 35.6 ta' l-iStatut.

11 Ara, *inter alia*: Każ 174/84, *Bulk Oil* [1986] ECR 559; Każ 380/87, *Enichem Base* [1989] ECR 2491; Każ Ċ-194/94, *CIA Security International* [1996] ECR I-2201; Każ Ċ-226/97, *Lemmens* [1998] ECR I-3711; Każ Ċ-235/95, *AGS Assedic Pas-de-Calais* [1998] ECR I-4531; Każ Ċ-443/98, *Unilever* [2000] ECR I-7535; Każ Ċ-159/00, *Sapod Audic* [2002] I-5031.

12 Ara, per eżempju, Każ 158/80, *Rewe* [1981] ECR 1805.

# ANNESSI

## I ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL TAD-29 TA' ĠUNJU, 1998, DWAR IL-KONSULTAZZJONI MAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW MINN AWTORITAJIET NAZZJONALI DWAR ABBOZZI TA' DISPOŻIZZJONIJIET LEĠIŻLATTIVI (98/415/KE)[13]

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 105(4), u l-Artikolu 4 tal-Protokoll dwar l-iStatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew mehmuż mat-Trattat,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni ([1]),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ([2]),

Wara li kkunsidra l-opinjoni ta' l-Istitut Monetarju Ewropew ([3]),

Waqt li jaġixxi skond il-proċedura prevista fl-Artikolu 106(6) tat-Trattat u fl-Artikolu 42 tal-Protokoll imsemmi,

(1) Billi l-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) ikun stabbilit malli jinħatar il-Bord Eżekuttiv tiegħu;

(2) Billi t-Trattat jistipula li l-awtoritajiet nazzjonali għandhom jikkonsultaw mal-BĊE dwar kull abbozz ta' dispożizzjoni leġiżlattiva fl-oqsma tal-kompetenza tiegħu; billi huwa l-Kunsill li għandu jistabbilixxi l-limiti u l-kundizzjonijiet ta' din il-konsultazzjoni;

(3) Billi dan l-obbligu ta' l-awtoritajiet ta' l-iStati Membri li jikkonsultaw mal-BĊE m'għandux ikun ta' ħsara għar-responsabbiltà ta' dawn l-awtoritajiet għall-kwistjonijiet li huma s-suġġett ta' dispożizzjonijiet bħal dawn; billi l-iStati Membri għandhom jikkonsultaw mal-BĊE dwar kull abbozz leġiżlattiv fl-oqsma tal-kompetenza tiegħu skond l-Artikolu 105(4) tat-Trattat; billi l-lista ta' oqsma partikolari li hemm fl-Artikolu 2 ta' din id-Deċiżjoni mhix eżawrjenti; billi s-sitt inċiż ta' l-Artikolu 2 ta' din id-Deċiżjoni huwa mingħajr ħsara għat-tqassim preżenti tal-kompetenzi għall-politika dwar is-superviżjoni prudenti ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu u l-istabbilità tas-sistema finanzjarja;

(4) Billi l-iStatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali (SEBĊ) u tal-BĊE jagħtu tifsira tal-funzjonijiet monetarji u l-operazzjonijiet tas-SEBĊ; billi l-banek ċentrali ta' l-iStati Membri parteċipanti huma parti integrali mis-SEBĊ u għandhom jaġixxu skond il-linji-gwida u l-istruzzjonijiet tal-BĊE; billi, fit-tielet stadju ta' l-Unjoni Ekonomika u Monetarja (EMU), l-awtoritajiet ta' l-iStati Membri mhux parteċipanti għandhom jikkonsultaw mal-BĊE dwar abbozzi ta' dispożizzjonijiet leġiżlattivi dwar l-istrumenti tal-politika monetarja;

---

13 ĠU L 189, 3.7.1998, pġ. 42.

(5) Billi sakemm l-iStati Membri ma jipparteċipawx fil-politika monetarja tas-SEBĊ, din id-Deċiżjoni ma tolqotx deċiżjonijiet meħuda minn awtoritajiet ta' dawn l-iStati Membri fil-qafas tat-twettiq tal-politika monetarja tagħhom;

(6) Billi l-konsultazzjoni mal-BĊE m'għandhiex ittawwal bla bżonn proċeduri għal adozzjoni ta' dispożizzjonijiet leġiżlattivi fl-iStati Membri; billi ż-żmien li fih il-BĊE għandu jagħti l-opinjoni tiegħu għandu jippermettilu, madankollu, biex jeżamina bl-attenzjoni kollha t-testi mibgħuta lilu; billi f'każijiet iġġustifikati u ta' urġenza kbira, li għalihom għandha tingħata raġuni, bħal eżempju, minħabba s-sensittività tas-suq, l-iStati Membri jistgħu jistabbilixxu limitu ta' żmien li jkun inqas minn xahar u li jkun jixhed l-urġenza tas-sitwazzjoni; billi l-aktar f'dawn il-każijiet, djalogu bejn l-awtoritajiet nazzjonali u l-BĊE għandu jgħin biex jitqiesu l-interessi taż-żewġ naħat;

(7) Billi, skond il-paragrafi 5 u 8 tal-Protokoll Nru 11, mehmuż mat-Trattat, din id-Deċiżjoni m'għandhiex tapplika għar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq jekk u sakemm dak l-iStat Membru ma jgħaddix għat-tielet stadju ta' l-EMU;

(8) Billi, mid-data tat-twaqqif tal-BĊE sal-bidu tat-tielet stadju ta' l-EMU, l-awtoritajiet nazzjonali għandhom jikkonsultaw mal-BĊE, skond id-Deċiżjoni 93/717/KE ([4]) u l-Artikolu 109l(2) tat-Trattat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI

## Artikolu 1

1. Għall-iskop ta' din id-Deċiżjoni:

'Stat Membru parteċipanti' għandha tfisser Stat Membru li adotta l-valuta waħdanija skond it-Trattat;

'abbozzi ta' dispożizzjonijiet leġiżlattivi' għandha tfisser kull waħda minn dawk id-dispożizzjonijiet li, meta jibdew jorbtu legalment u japplikaw b'mod ġenerali fit-territorju ta' xi Stat Membru, jistabbilixxu regoli għal numru indefinit ta' każijiet u jkunu indirizzati lil numru indefinit ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi.

Abbozzi ta' dispożizzjonijiet leġiżlattivi m'għandhomx jinkludu abbozzi ta' dispożizzjonijiet li l-għan waħdieni tagħhom huwa li direttivi tal-Komunità jkunu trasposti fil-liġi ta' l-iStati Membri.

## Artikolu 2

1. L-awtoritajiet ta' l-iStati Membri għandhom jikkonsultaw mal-BĊE dwar kull abbozz ta' dispożizzjoni leġiżlattiva fi ħdan l-oqsma tal-kompetenza tiegħu skond it-Trattat, u b'mod partikolari dwar:

– kwistjonijiet ta' valuta,

– mezzi ta' pagament,

– banek ċentrali nazzjonali,

– il-ġbir, il-kumpilazzjoni u d-distribuzzjoni ta' statistika monetarja, finanzjarja u bankarja, statistika dwar sistemi ta' pagament u tal-bilanċ tal-pagamenti,

– sistemi ta' pagament u ftehim,

– regoli li japplikaw għal istituzzjonijiet finanzjarji kemm-il-darba dawn jinfluwenzaw materjalment l-istabbilità ta' l-istituzzjonijiet finanzjarji u s-swieq.

2. Barra minn dan, l-awtoritajiet ta' l-iStati Membri minbarra Stati Membri parteċipanti għandhom jikkonsultaw mal-BĊE dwar kull abbozz ta' dispożizzjoni leġiżlattiva fir-rigward ta' l-istrumenti tal-politika monetarja.

3. Malli l-BĊE jirċievi abbozz ta' dispożizzjoni leġiżlattiva, huwa għandu jgħarraf lill-awtorità li tikkonsultah jekk, fl-opinjoni tiegħu, dik id-dispożizzjoni ma tkunx fil-kompetenza tiegħu.

## Artikolu 3

1. L-awtoritajiet ta' l-iStati Membri li jkunu qed iħejju dispożizzjoni leġiżlattiva jistgħu jagħtu, jekk iqisu li jkun meħtieġ, limitu ta' żmien lill-BĊE biex jibgħat l-opinjoni tiegħu fi żmien li ma jkunx anqas minn xahar mid-data li fiha l-President tal-BĊE jirċievi notifika dwar dan.

2. F'każ ta' urġenza kbira, il-limitu ta' żmien jista' jitqassar. F'dan il-każ, l-awtorità li tikkonsulta għandha tagħti r-raġunijiet għall-urġenza.

3. Il-BĊE jista', meta jkun il-waqt, jitlob li l-limitu ta' żmien jitwal sa erba' ġimgħat addizzjonali. Dik it-talba m'għandiex tinċaħad mingħajr raġuni mill-awtorità li tikkonsulta.

4. Jekk ma l-iskadenza tal-limitu ta' żmien ma tkunx ingħatat opinjoni, l-awtorità nazzjonali li tikkonsulta m'għandhiex tinżamm milli tkompli taġixxi. Iżda jekk l-opinjoni tal-BĊE tintbagħat wara l-limitu taż-żmien, l-iStati Membri għandhom madankollu jiżguraw li l-awtoritajiet imsemmija fl-Artikolu 4 jsiru jafu biha.

## Artikolu 4

Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jiżgura li din id-Deċiżjoni titħares sewwa. Għal dan il-għan, huwa għandu jiżgura li l-BĊE huwa ikkonsultat fi stadju xieraq sabiex l-awtorità li tkun għamlet abbozz ta' dispożizzjoni leġiżlattiva tkun tista' tqis l-opinjoni tal-BĊE qabel ma tieħu deċiżjoni fil-mertu, u li l-opinjoni tal-BĊE ssir taf biha l-awtorità li jkollha tapprova d-dispożizzjoni jekk din ta' l-aħħar ma tkunx l-istess awtorità li tkun ħejjiet dik id-dispożizzjoni.

## Artikolu 5

1. Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Jannar, 1999.

2. Id-Deċiżjoni 93/717/KE għandha tiġi rrevokata b'effett mill-1 ta' Jannar, 1999.

## Artikolu 6

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-iStati Membri.

Magħmula fil-Lussemburgu, 29 ta' Ġunju, 1998.

Għall-Kunsill

Il-President

R. COOK

([1]) ĠU K 118, 17. 4. 1998, pġ. 11.

([2]) ĠU K 195, 22. 6. 1998.

([3]) Opinjoni mogħtija fis-6 ta' April, 1998 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

([4]) ĠU L 332, 31. 12. 1993, pġ. 14.

## 2 DESKRIZZJONI QASIRA TA' KWISTJONIJIET INDIRIZZATI F'ABBOZZI TA' DISPOŻIZZJONIJIET LEĠIŻLATTIVI LI DWARHOM IL-BĊE, U QABLU L-EMI, ĠEW IKKONSULTATI [14]

| | *Numru ta' l-Opinjoni* |
|---|---|
| **Kwistjonijiet ta' valuta u mezzi ta' ħlas** | |
| **Kummerċ elettroniku** | |
| – ħlasijiet elettroniċi u strumenti ta' flus elettroniċi | CON/2000/11 |
| – ħruġ ta' flus elettroniċi | CON/2002/1 |
| **Karti tal-flus euro u muniti** | CON/2004/28, CON/2004/17, CON/2003/29, CON/2001/1, CON/1997/4, CON/1994/1, |
| – ċirkulazzjoni/distribuzzjoni ta' karti tal-flus u muniti | CON/2004/28, CON/1999/14 |
| – muniti kommemorattivi fiċ-ċirkulazzjoni | CON/2002/12, CON/2000/13, CON/1999/12, CON/1999/10, CON/1998/18, |
| – riproduzzjoni kummerċjali ta' karti tal-flus | CON/1996/13 |
| – kunsinna antiċipata ta' karti tal-flus u muniti euro | CON/2001/21, CON/2001/14, |
| – ħruġ ta' karti tal-flus u muniti | CON/2002/7, CON/2000/14, CON/1999/10, CON/1999/3, CON/1997/18, |
| – dipartimenti lil hinn mill-pajjiż | CON/1998/9 |
| **Introduzzjoni tal-euro** | CON/2001/37, CON/2001/29, CON/2001/19, CON/2001/9, CON/2001/1, CON/2000/25, CON/2000/22, CON/2000/21, CON/2000/15, CON/1999/10, CON/1999/2, CON/1998/48, CON/1998/42, CON/1998/36, CON/1998/31, CON/1998/23, CON/1998/19, CON/1998/18, CON/1998/11, CON/1998/9, |

14 L-Anness 2 jagħti deskrizzjoni qasira mhix eżawrjenti ta' kwistjonijiet indirizzati f'dispożizzjonijiet nazzjonali li dwarhom il-BĊE (u qablu, l-EMI) ikun ġie kkonsultat.

| | Numru ta' l-Opinjoni |
|---|---|
| | CON/1998/8, CON/1998/6, CON/1998/2, CON/1998/1, CON/1997/30, CON/1997/24, CON/1997/18, CON/1997/17 |
| – miżuri anċillarji għall-introduzzjoni tal-euro | CON/1998/8, CON/1998/1 |
| – karti tal-flus u muniti ddenominati f'valuta nazzjonali | CON/2002/31, CON/2002/15, CON/2002/6, CON/2001/26, CON/2001/20, CON/2001/1 |
| – rati ta' imgħax bażi u ta' referenza | CON/1998/59 |
| – sostituzzjoni ta' flus kontanti | CON/2001/26, CON/2001/15, CON/2001/7, CON/2001/1, |
| – dimaterjalizzazzjoni ta' ishma tul is-sostituzzjoni għall-euro | CON/1999/4 |
| – rata ta' skont | CON/1997/24 |
| – prezz doppju | CON/1998/8 |
| – rata tal-kambju tal-euro | CON/1997/12 |
| – tranżazzjonijiet tal-kambju fi flus barranin | CON/2004/34, CON/2003/29 |
| – valuta legali | CON/2004/17, CON/2003/29, CON/2002/31, CON/2002/12, CON/2002/6, CON/2001/20, CON/2001/1, CON/2000/29, CON/2000/17 |
| – ridenominazzjoni ta' ishma tal-kumpaniji | CON/1998/11 |
| – ridenominazzjoni ta' strumenti finanzjarji | CON/1997/17 |
| – ridenominazzjoni ta' valuta nazzjonali | CON/2002/31, CON/2001/1, CON/1998/18 |
| – ridenominazzjoni ta' dejn pubbliku u privat | CON/1998/19, CON/1998/11, CON/1998/11 |
| – regoli ta' tqarrib | CON/2002/15, CON/1998/48, CON/1998/19, CON/1998/1 |
| – speċifikazzjoni teknika tal-muniti euro | CON/2000/29, CON/2000/13 |

| | *Numru ta' l-Opinjoni* |
|---|---|
| **Protezzjoni tal-euro** | |
| – drittijiet ta' l-awtur | CON/2002/26, CON/1999/12, CON/1998/18, |
| – iffalsifikar | CON/2003/29, CON/2002/26, CON/2002/17, CON/2001/40, CON/2001/22, CON/2001/16, CON/2000/16, CON/1999/10, |
| – riċiklaċċ ta' karti tal-flus u muniti euro | CON/2004/8 |

## Banek ċentrali nazzjonali

| | |
|---|---|
| **Kontabilita`, rappurtar u verifika** | |
| – reġim tal-kontabilita` | CON/2002/7, CON/1998/62, |
| – kontijiet annwali | CON/1998/62, CON/1998/35, |
| – verifika nazzjonali | CON/2002/22 |
| **Membri tal-Bord** | CON/2003/3, CON/2000/26, CON/1998/6, CON/1997/26, CON/1997/25, CON/1996/5 |
| – segretezza professjonali | CON/2003/28, CON/1998/7, CON/1998/5 |
| – garanzija tal-kontinwita` tal-kariga | CON/1997/26, CON/1997/25 |
| – termini tal-kariga | CON/2004/16, CON/1997/15, CON/1997/10 |
| – dirttijiet tal-votazzjoni | CON/1997/25 |
| **Ħidmiet tas-SEBĊ** | CON/2003/27, CON/2002/16, CON/2000/7, CON/1998/5, CON/1997/18, CON/1997/8, CON/1996/10, CON/1994/1 |
| **Indipendenza** | CON/2004/1, CON/2003/27, CON/2003/22, CON/2002/14, CON/2001/28, CON/2001/17, CON/1999/16, CON/1998/38, CON/1998/13, CON/1998/6, CON/1997/32, CON/1997/8 |

| | *Numru ta' l-Opinjoni* |
|---|---|
| – relazzjonijiet mal-gvern | CON/2002/7, CON/1997/25, CON/1997/8, CON/1996/10, CON/1995/11 |
| – relazzjonijiet mal-parlament | CON/2001/17, CON/1998/6, CON/1997/26, CON/1996/5, CON/1996/4 |
| – kont ta' l-istat ma' xi BĊN | CON/1994/6 |
| **Riżervi Minimi** | CON/1998/62, CON/1998/47, CON/1998/43, CON/1998/41, CON/1995/2, CON/1994/5 |
| **Politika Monetarja** | CON/2002/21 |
| **Ħidmiet mhux rilevanti għas-SEBĊ** | CON/1997/3, CON/1997/2, CON/1996/16 |
| **Parteċipazzjoni f'istituzzjonijiet monetarji internazzjonali** | CON/1997/16, CON/1997/10, |
| **Stabbilta` tal-Prezzijiet** | CON/2002/27, CON/1998/05, CON/1997/30, CON/1997/20, CON/1997/10, CON/1995/11 |
| **Projbizzjoni ta' iffinanzjar monetarju** | CON/1998/45, CON/1995/14 |
| **Superviżjoni Prudenti** | CON/2003/23, CON/2003/7, CON/1995/15, CON/1994/11 |
| **Riżervi f'valuta barranija u riżervi fid-deheb** | CON/2004/6, CON/2000/17, CON/1998/22, CON/1996/16 |
| **L-iStatut tal-BĊNi** | CON/2003/29, CON/2003/15, CON/2003/4, CON/2002/7, CON/2000/15, CON/2000/7, CON/1998/25, CON/1999/18, CON/1998/13, CON/1998/12, CON/1998/7, CON/1994/1 |
| – dispożizzjonijiet tal-liġi ta' l-estimi | CON/2002/31, CON/2002/30, CON/2001/17, CON/1997/26 |
| – funzjonament u organizzazzjoni ta' dipartimenti lil hinn mill-pajjiż | CON/1999/20 |

| | *Numru ta' l-Opinjoni* |
|---|---|
| **Kreditu *intra-day* mhux iggarantit mogħti lill-gvern** | CON/1997/8 |

## Il-ġbir, il-kumpilazzjoni u d-distribuzzjoni ta' statistika monetarja, finanzjarja, bankarja, statistika dwar sistemi ta' ħlas u tal-bilanċ tal-pagamenti

| | |
|---|---|
| **Statistika tal-bilanċ tal-pagamenti** | CON/2003/8, CON/2002/29, CON/2002/21, CON/1998/45 |
| **Statistika Ġenerali** | |
| – ġbir ta' statistika | CON/2004/24, CON/2002/29, CON/2002/21, CON/2000/28, CON/1999/22, CON/1998/30, CON/1998/28, CON/1995/6 |
| – pubblikazzjoni tal-kundizzjonijiet ta' l-imgħax | CON/2002/28 |
| **Statistika ta' flus u kummerċ bankarju** | CON/2004/2, CON/1998/30 |
| **Obbligi ta' Rappurtar** | CON20/03/1, CON/2002/29, CON/2002/2 |
| **Funzjonijiet Statistiċi ta' xi BĊN** | CON/2003/8, CON/2002/28, CON/1998/45, CON/1997/12, CON/1996/05, CON/1996/04, CON/1995/11 |

## Sistemi ta' ħlas u ftehim

| | |
|---|---|
| **Garanziji,** *netting, repos* | CON/2004/27, CON/1998/42, CON/1998/29, CON/1998/25, CON/1996/5, CON/1995/13, CON/1995/12 |

| | *Numru ta' l-Opinjoni* |
|---|---|
| **Proċeduri ta' insolvenza** | |
| – regola taz-*zero-hour* | CON/1998/9, CON/1998/3, CON/1996/4 |
| **Privileġġ fuq titoli** | CON/1995/12 |
| **Superviżjoni ta' sistemi ta' ħlas** | CON/2003/15, CON/1998/3, CON/1996/10, CON/1996/4 |
| **Sistemi ta' ħlas – ġenerali** | CON/2003/15, CON/2003/14, CON/2002/1, CON/1998/9, CON/1998/3, CON/1997/4 |
| **Sistemi ta' ftehim dwar it-titoli – ġenerali** | CON/1998/42, CON/1998/9, CON/1998/3 |
| **TARGET** | CON/2001/5, CON/2000/5, CON/1999/19, CON/1999/13, CON/1999/9 |
| – sistema RTGS | CON/1995/12 |
| **Titoli Trasferibbli** | CON/2004/22 |

## Regoli applikabbli għal istituzzjonijiet finanzjarji kemm-il darba dawn jinfluwenzaw materjalment l-istabbilta` ta' l-istituzzjonijiet finanzjarji u s-swieq

| | |
|---|---|
| **Istituzzjonijiet ta' Kreditu** | CON/2003/25, CON/2001/35 CON/1998/25 |
| **Intermedjarji Finanzjarji** | CON/2003/25, CON/2001/35 |
| **Kuntratti ta' garanziji finanzjarji** | CON/2004/27, CON/2003/11, CON/2003/2, CON/2002/8, CON/1998/26, CON/1997/6, CON/1996/15, |
| **Ombudsman għas-Servizzi Finanzjarji** | CON/2003/24 |
| **Self indiċizzat ma' l-inflazzjoni minn istituzzjonijiet ta' kreditu** | CON/2004/20 |

| | *Numru ta' l-Opinjoni* |
|---|---|
| **Ħasil ta' flus u l-iffinanzjar tat-terroriżmu** | CON/2003/25, CON/2002/24, CON/2002/5, CON/2002/4, CON/1997/4 |
| **Prinċipju taċ-ċaqliq ħieles tal-kapital** | CON/1995/15 |
| – taxxa fuq tranżazzjonijiet tal-kambju li jinvolvu l-kambju fi flus barranin, il-karti tal-flus u l-valuta ('*Tobin tax*') | CON/2004/34 |
| **Stabbilta' tas-swieq finanzjarji** | CON/2002/1, CON/2001/35, CON/1998/42, CON/1997/4, CON/1997/2, CON/1997/3, CON/1994/11 |
| – swieq lil hinn mill-borża | CON/2003/7 |
| **Boroż** | CON/1999/4, CON/1997/21, CON/1994/11 |
| **Superviżjoni ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu u dawk finanzjarji** | CON/2004/21, CON/2003/24, CON/2003/19, CON/2002/18, CON/2001/35, CON/1997/2 |

## Strumenti ta' politika monetarja

| | |
|---|---|
| **Strumenti ta' politika monetarja ta' l-iStati Membri mhux parteċipanti** | CON/1995/17, CON/1997/27 |
| – sistema ta' informazzjoni, metodu, u limiti ta' żmien għat-trasmissjoni tad-data f'bank ċentrali | CON/2004/33 |
| – istituzzjonijiet ta' flus elettroniċi | CON/2004/25 |
| – obbligi ta' riżervi minimi | CON/2004/29 |
| – programm ta' stħarriġ statistiċi | CON/2004/36 |
| – superviżjoni tas-swieq finanzjarji | CON/2004/31 |